**Santa Luċija**

**Minuti**

**It-Tmien Leġislatura**

**Laqgħa Numru 60/2023**

**30 ta' Awwissu 2023**

**Il-Kunsill Lokali ta' Santa Luċija ltaqa` fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab 5/6 Binja tal-Faqqani, Trejqet il-Ġirasol, Santa Luċija fil-05:30 p.m.**

**Preżenti** :

| | |
|---|---|
| Charmaine St John | Sindku |
| Frederick Cutajar | Viċi Sindku |
| Terrence Ellul | Kunsillier |
| Kylie D'Amato | Kunsilliera |

**Uffiċċjal** :

| | |
|---|---|
| Fabian Mizzi | Segretarju Eżekuttiv |

**Assenti b'Apoloġiji (Skond Ordni Permanenti 14A (3))** :

| | |
|---|---|
| Liam Sciberras | Kunsillier |

Is-Sindku ippresjediet il-laqgħa.

**60.01 Talba**

60.01.01 Il-laqgħa bdiet billi ntqalet it-talba mis-Sindku.

**60.02 Qari ta' ittri ta' apoloġiji**

60.02.01 Is-S.E. informa li l-Kunsillier Sciberras kien informa li ma setax jattendi minħabba raġunijiet ta' xogħol. Fiċ-ċirkostanzi l-Kunsill qies il-Kunsillier Sciberras bħala skużat.

**60.03 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti 59-23**

60.03.01 Il-Minuti tal-Laqgħa 59-23 kienu ġew iċċirkolati qabel is-seduta u għaldaqstant ġew meqjusa bħala moqrija. Il-Minuti ġew approvati unanimament bil-Kunsilliera D'Amato tipproponi w l-Viċi Sindku jissekonda.

**60.04 Komunikazzjoni mis-Sindku**

60.04.01 Is-Sindku nfurmat li wara talba min naħa tagħha sabiex l-Awtorità tad-Djar tgħin sabiex isiru rampi mad-diversi blokok ta' bini tal-Gvern, iktar kmieni kienet ġiet infurmata li l-istess Awtorita' kienet ser tinvesti €150,000 sabiex isiru rampi u *stairlifts* skont il-bżonn. Għal dan il-għan konna diġà tkellimna mal-Perit tal-Kunsill sabiex jagħmel *stock-take* ta' x'hemm bżonn li jsir imbagħad il-Kunsill jiddeċiedi fuq il-prijoritajiet skont l-istimi li jkollu. Ix-xogħol ser isir mill-kuntrattur tal-Kunsill u imbagħad l-Awtorità tirrifondi lill-Kunsill l-ispejjeż involuti.

60.04.02 Is-Sindku infurmat li flimkien mas-S.E. kellha laqgħa mal-Perit William Lewis u mal-Perita li ser tieħu ħsieb l-interessi tal-Kunsill. Hija qalet li minbarra l-*issue* tar-ranep imsemmija aktar il-fuq, fil-laqgħa

ġew diskussi diversi punti fejn il-Periti ser ikunu qed jagħmlu xogħol kif mitlub mill-Kunsill minn żmien għal żmien.

60.04.03 Is-Sindku nfurmat li kif konna nfurmajna bejn il-laqgħat, il-Kunsill tagħna ser ikun qed jirrappreżenta lil-Malta fis-*Silk Road* wara inizjattiva mill-Ambaxxatur Malti għaċ-Ċina. Hija qalet ukoll li ġiet mistiedna mill-istess Ambaxxatur sabiex iżżur Beijing waqt iż-żjara li ser tagħmel fiċ-Ċina f'Ottubru li ġej sabiex tattendi l-*Mayors Forum* ġewwa Suzhou.

60.04.04 Is-Sindku nfurmat li għal darb'oħra, fil-ġranet li ġejjin, kien ser isir xogħol ġewwa Santa Luċija minn xi priġunieri tal-Faċilita' Korrettiva ta' Kordin. Ix-xogħol prinċipali ser ikun fl-akkwati tal-bandli.

60.04.05 Is-Sindku nfurmat li dwar iż-żjara fiċ-Ċina kien irnexxiela żżid id-delegazzjoni Maltija għal tnejn min nies u għal dan il-għan kien hemm qbil li l-Kunsilliera D'Amato takkumpanja lis-Sindku waqt din iż-żjara.

60.04.06 Is-Sindku nfurmat li l-ħut li kien ġie trasferit mill-vaska fi Ġnien is-Serenita' kien inġib lura bl-għajnuna tad-Dipt. tal-Akwakultura.

60.04.07 Is-Sindku nfurmat li fl-20 ta' Settembru kienet ser torganizza ħarġa oħra għal Għawdex fejn din id-darba r-residenti ser jittieħdu jaraw il-Mitħna tax-Xewkija.

60.04.08 Rigward il-Van tal-Kunsill is-Sindku nfurmat li kienet iltaqgħet max-xufier li ser ikun qed jopera l-van u dan kien issuġġerixxa li l-iskeda bi prova tkun minn Santa Luċija lejn l-iSptar Mater Dei via Raħal Ġdid fis-07:00 u lura filwaqt li vjaġġ ieħor simili jitlaq minn Santa Luċija fl-10:00. Dawk interessati ser jintalbu sabiex jinkitbu sa jumejn qabel u n-nies ser jinġabru minn fuq il-*Bus Stops* filwaqt li lura jitwasslu sa djarhom. Kien hemm qbil li l-Kunsill għandu japplika għad-dawl ġewwa l-garaxx fejn dan il-van ser ikun ipparkjat matul il-lejl, sabiex ikun jista' jiġi ċċarġjat.

60.04.09 Is-Sindku nfurmat li s-S.E. kien qed jaħdem mas-SEM sabiex titressaq applikazzjoni taħt l-iskema CERV sabiex isir ġemellaġġ ma' Siracusa fi Sqallija.

60.04.10 Is-Sindku nfurmat li kienet ippreparat *snag list* dwar il-*jogging track* iżda kienet sabet problema sabiex tibgħata lill-Kunsillieri minħabba d-daqs tal-*file*. Fiċ-ċirkostanzi s-Sindku spjegat punt punt fuq il-lista tagħha u kien hemm qbil li dan ir-rapport jintbagħat lil *Infrastructure Malta* sabiex isiru x-xogħlijiet li hemm bżonn.

**60.05 Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsillieri**

60.05.01 Il-Kunsillier Ellul staqsa jekk il-*gutters* kienux tnaddfu kollha nkluż dawk li hemm fil-*Promenade*. Is-Sindku nfurmat li l-*gutters* kienu tnaddfu kważi kollha u jonqos biss dawk fejn kien hemm il-karozzi ipparkjati. Hija qalet li ser jitpoġġew tabelli tan-*No Parking* sabiex ix-xogħol ikun jista' jsir.

60.05.02 Il-Kunsillier Ellul staqsa dwar it-tisqija u t-tħawwil ta' pjanti ġewwa l-lokalita'. Is-Sindku nfurmat li t-tisqija issa hija kollha f'idejn il-kuntrattur tal-Kunsill. Rigward it-tħawwil ta' pjanti, hija qalet li dawn huma f'idejn il-kuntrattur ukoll u ser ninfurmaw lill-*Contracts Manager* sabiex tara li dak li hemm fil-kuntratt jiġi onorat.

60.05.03 Il-Kunsilliera D'Amato talbet iktar dettalji dwar il-proġett li ser isir fil-parti t'isfel tal-*Picnic Area*. Is-Sindku nfurmat li x-xogħol kien beda f'dawn l-aħħar ġimgħat u x-xogħol għandu jitlesta fi żmien 17-il ġimgħa (għal ħabta ta' Jannar 2024). Is-S.E. informa li fil-passat kien bagħat kopja tal-pjanti u d-disinn tal-proġett li kienu għaddewlna Ambjent Malta. Huwa qal ukoll li propju llum konna rċivejna kopja ta' DNO li saret minn *Project Green* sabiex f'parti minn Triq Pepprin in-naħa tal-*area* li ser tiġi żviluppata ssir bankina. Peress li fil-fehma tal-Kunsill kif qed tiġi ppjanata din il-bankina tista' tkun ta' periklu, ġie deċiż li ssir laqgħa mal-periti ta' *Project Green* sabiex nitolbu li l-bankina tibqa tiela sal-entratura ta' Ġnien is-Serenita'. Rigward il-benefiċċji għar-residenti is-Sindku qalet li dan ser ikun spazju ieħor miftuħ li minnu ser igawdu r-residenti.

60.05.04 Il-Kunsilliera D'Amato issuġġeriet li l-Kunsill għandu jaħdem fuq kampanja edukattiva favur l-ambjent. Bħala eżempju hija ssuġġeriet li jkun hemm kampanja ta' 3 xhur fejn ir-residenti jiġu mħeġġa sabiex jieħdu ħsieb aktar l-ambjent u l-Kunsill iwassal messaġġi pożittivi billi jsiru aktar *ash-trays*, jitqassmu basktijiet tad-drapp eċċ. Is-Sindku iddikjarat li taqbel ma din il-proposta u talbet lill-Kunsilliera D'Amato sabiex tikkordina din il-kampanja. Il-Kunsilliera D'Amato issuġġeriet li għandha ssir laqgħa mal-NGO Żibel, il-MUSEUM, l-iskola. Il-Kunsillier Ellul issuġġerixxa li f'din il-kampanja jiġi nkluż ukoll iktar għarfien dwar is-separazzjoni tal-iskart u l-ġranet li fihom għandhom jinħargu boroż partikolari. Ġie approvat ukoll li jsiru tabelli li jindikaw il-ġranet meta jinħareġ l-iskart sabiex jitwaħħlu fil-postijiet fejn huwa permess li jinġabar l-iskart.

30.05.05 Il-Kunsillier Ellul irrefera għal ċertu *posts* li kien hemm fuq Facebook rigward soluzzjoni sabiex ma jibqgħux jgħaddu muturi minn trejqa li hemm bejn Triq Katerina Vitale u Triq De Hosa. Huwa qal li assolutament ma jaqbilx li jsiru *bollards* kif ġie issuġġeriet għax bihom siġġu tar-roti u *pushchair* ma jgħaddux. Dwar dan kien hemm qbil u għalhekk gie deċiż li jsiru ż-żewġ *bollards* li kien hemm in naħa ta' Triq De Hosa filwaqt li ssir CCTV faċċata tal-istess trejqa sabiex min jgħaddi b'mod illegali jkun jista' jiġi mħarrek peress li din il-*camera* ser tkun kollegata mal-LESA.

**60.06 Korrispondenza, ilmenti u ordnijiet ta' xogħlijiet**

60.06.01 Korrispondenza mingħand *Outlook Coop* dwar konferenza bit-tema *The Sustainable Multi-Intermodal Transport Hubs (SMITHS) - Final Conference*. Is-Sindku uriet interess li tattendi għal din il-konferenza jekk ma tkunx xogħol.

60.06.02 Korrispondenza mingħand il-Kunsill Reġjonali tan-Nofsinhar dwar il-Laqgħa Ġenerali Annwali li ser issir fit-13 ta' Settembru. Il-Kunsill ħa nota ta' din il-korrispondenza.

60.06.03 Korrispondenza mingħand Doninu Malta dwar għajnuna li jistgħu joffru l-Kunsilli Lokali. Il-Kunsill ħa nota ta' din il-korrispondenza.

60.06.04 Korrispondenza mingħand l-Aġenzija għall-Enerġija u l-Ilma dwar *EV Charging Pillars Identified Sites* - Santa Lucija. Kien hemm qbil li kopja ta' din il-korrispondenza tintbagħat lill-Kunsillieri għall-kummenti tagħhom.

60.06.05 Talba sabiex isiru 2 mirja fi Triq Katerina Vitale sabiex vetturi jkunu jistgħu joħroġu għal ġo t-triq mingħajr periklu għal min ikun għaddej mit-triq prinċipali. Dwar dan kien hemm qbil unanimu.

60.06.06 Talba sabiex isir xi haġa sabiex vetturi li jkunu pparkjati fi Triq l-Għansar ma jiġux ostakolati minn vetturi li jipparkjaw man-naħa l-oħra tat-triq. Kien hemm qbil li din it-talba tiġi riferuta lil Transport Malta.

60.06.07 Ġie approvat li jiġu ordnati tabelli li jindikaw id-direzzjoni għal numru ta' toroq bħal ma diġà hawn f'diversi postijiet.

60.06.08 Il-Kunsillier Ellul issuġġerixxa li jinxtara *laptop* sabiex ikun jista' jintuża għal waqt il-laqgħat tal-Kunsill sabiex jitqabbad mas-sistema tal-*Live Streaming*. Dwar dan kien hemm qbil unanimu.

**60.07 Rapport Finanzjarju t-Tieni Kwart – Jannar / Ġunju 2023**

60.07.01 Peress li kopja ta' dan id-dokument kienet tqassmet minn qabel lill-Kunsillieri, dan ġie meqjus bħala moqri u approvat unanimament.

**60.08 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Iskeda ta' Pagamenti 60/23**

60.08.01 L-iskeda ta' Pagamenti 60/23 ġiet approvata unanimament.

**60.09** **Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss**

60.09.01 Il-laqgħa ntemmet fis-7:19 p.m. u ġie deċiż li l-laqgħa li jmiss issir l-Erbgħa 27 ta' Settembru 2023 fil-5:30 p.m.

**Konfermati illum l-Erbgħa 27 ta' Settembru 2023.**

**Charmaine St John**
**Sindku**

**Fabian Mizzi**
**Segretarju Eżekuttiv**